**MINUTI**

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ix-Xagħra

It-Tmien Leġislatura

**Laqgħa Numru Tmenin (80)**

**29 ta' April, 2024**

Il-Kunsill Lokali Ix-Xagħra ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv fi Triq it-Tiġrija. Il-laqgħa bdiet fil-5.00pm ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Aaron Agius – Sindku

Anthony Attard – Kunsillier

Victor Zammit - Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Stefan Bajada- Viċi-Sindku

Victor John Curmi- Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Josephine Sultana – Deputat Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Aaron Agius ippresieda l-laqgħa.

**80.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

80.1.1 Is-Sindku rreferra għall-ittri t'apoloġija tal-Vici-Sindku, is-Sur Stefan Bajada li ma setax jattendi għal-laqgħa minħabba mpenji ta' xogħol u tal-Kunsillier is-Sur Victor Curmi li kien jinsab imsiefer fuq xogħol.

Dawn l-apoloġiji ġew aċċettati.

**80.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 79**

80.2.1 Il-minuti ttieħdu bħala moqrija hekk kif dawn kienu ntbagħtu qabel il-laqgħa. Il-membri tal-Kunsill preżenti unanimament approvaw dawn il-minuti.

**80.3 Kunsill Ċiviku**

80.3.1 Is-Sindku, is-Sur Aaron Agius qal li wara li saret l-investigazzjoni meħtieġa, għandna *clearance* mis-Sovritendenza tal-Patrimonju Kulturali biex jitkompla x-xogħol fuq iċ-Ċentru Ċiviku. Huwa qal li minn dak li ntqal ma kien hemm xejn, anzi ġie konfermat li kien hemm periklu. Is-Sovrintendenza talbet li x-xogħol jitkompla taħt monitoraġġ minn persuna professjonali f'dan il-qasam. Ġie ssuġġerit, u l-Kunsill qabel, li jitqabbad l-Arkeoloġista Joseph Grima biex jagħmel dan ix-xogħol. Il-Kunsill approva wkoll il-kwotazzjoni tal-ħlas li bagħat is-Sur Grima għas-servizzi tiegħu.

80.3.2 Is-Sindku kompla jgħid li l-pass li jmiss issa huwa li jerġa jsir it-test tal-blat bħalma sar qabel beda t-tħaffir. Dan ser isir mill-Kumpanija Terracore Ltd. Ġiet ippreżentata stima ta' dan ix-xogħol u ġiet approvata mill-membri preżenti. Dan it-test mistenni jsir din il-ġimgħa.

**80.4** **Triq Marġa**

80.4.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li x-xogħol ta' asfaltar fi Triq il-Marġa tlesta. Li qed isir bħalissa huwa l-*edging*, fejn it-truf tat-tarmak jingħaqad mal-ħitan tal-ġnub tat-triq bil-konkos. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qalet li daħal ilment li ċint li kien hemm matul din it-triq ġie baxx kemm ilu li ngħata t-tarmak u faċli li vettura jew persuna taqa' għal ġor-raba' li hemm taħt il-livell tat-triq. Is-Sindku qal li wara li jsir ix-xogħol li qed isir bil-konkos, dan iċ-ċint ser jinbena.

80.4.2 Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv qalet li Said Construction bagħat il-kont tax-xogħol li għamel biex tissolva l-problema li kien hemm f'din it-triq bid-drenaġġ. Pero' biex ikun jista' jitħallas dan il-kont, ix-xogħol irid jiġi ċċertifikat mill-Perit tal-Kunsill. Ġie ssuġġerit li tingħata parti mis-somma dovuta lill-kuntrattur sakemm ix-xogħol jiġi ċċertifikat. Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv se tiċċekkja jistax isir dan u fil-każ se tingħata s-somma ta' €20,000.

80.4.3 Is-Sindku ssuġġerixxa, u l-membri qablu, li tintbagħat ittra ta' ringrazzjament lil Ministru għal Għawdex u Ippjanar għax-xogħol li sar.

**80.5** **Triq Marsalforn**

80.5.1 Rigward ix-xogħol f'din it-triq, is-Sindku qal li wkoll qed nistennew mingħand il-Perit iċ-ċertifikazzjoni tax-xogħol li sar biex imbagħad din it-triq tkun tista' tingħata l-aħħar kisja. Ix-xogħol fuq l-aħħar kisja jibda minn fejn Triq Marsalforn tgħaqqqad ma' Triq Masri sa fejn Triq Marsalforn tgħaqqad ma' Triq il-Mielħa.

**80.6** **Triq Ta' Stellini u Triq Ta' Karkar**

80.6.1 Is-Sindku nforma lil membri preżenti li x-xogħol fuq il-*culvert* fi Triq Stellini għaddej ġmielu. Minn dan il-*culvert* se tkun għaddejja s-sistema tad-drenaġġ u anke s-sistema għas-servizzi tal-ilma. Qed jiġi maħsub wkoll biex fejn għadu mhux mibni jgħaddu s-servizzi tad-drenaġġ biex meta jinbena kemm jiġi mqabbad u ma jkunx hemm għalfejn terġa' titqatta t-triq. Se jsir ukoll culvert għall-ilma tax-xita. Wara li jitlesta x-xogħol fuq il-*culvert* imbagħad se jsiru l-bankini ġodda.

80.6.2 B'referenza għal Triq Ta' Karkar, is-Sindku qal li qegħdin fl-aħħar fażijiet biex jingħataw il-livelli, biex hekk imbagħad ikun jista' jinbeda x-xogħol biex it-triq tkun tista' tiġi asfaltata.

**80.7 Ċelebrazzjoni marbuta mat-30 Sena mit-Twaqqif tal-Kunsilli**

80.7.1 Is-Sindku qal li din iċ-ċerimonja marret tajjeb u kienet apprezzata minn kull min attenda. Kien mument sabiħ li ħafna minn dawk li taw servizz fil-Kunsill Lokali tax-Xagħra matul dawn it-30 sena, iltaqgħu flimkien f'din l-okkażjoni. Ser tintbagħat imejl ta' ringrazzjament lil Heritage Malta tal-kooperazzjoni tagħhom u anke talli din iċ-ċerimonja setgħet saret fit-Tempji tal-Ggantija.

**80.8 Friday Night Fever**

80.8.1 Is-Sindku nforma lill-kunsill li llum saret laqgħa fejn fiha attendew is-Sa Maria Farrugia, is-Sa Silvana Sultana u s-Sur Richard Grech flimkien miegħu fejn ġew diskussi l-aħħar preparamenti għal dan l-avveniment li issa qed joqrob ġmielu.

**80.9 Festival tat-Tin**

80.9.1 Is-Sindku għarraf lill-Kunsill li l-preparamenti għall-Festival tat-Tin mexjin u bejn wieħed u ieħor il-programm qed jiġi mfassal bħal tas-sena l-oħra. Għal din is-sena se tiżdied il-parteċipazzjoni tax-Xagħra Historical Re-enactment Organisation u se tiżdied ukoll il-ħuġġieġa ta' San Ġwann peress li din id-data hija qrib il-festa ta' San Ġwann.

80.9.2 Se jiġu mistiedna wkoll delegazzjoni ta' żewġ persuni minn Kunsilli barranin li l-Kunsill ġemellat magħhom bħal Offida, San Michele Salentino, Chevaigne u Mergo; kif ukoll dawk li għandu kuntatt magħhom permezz tal-Ficusnet bħal Atessa u Domus de Maria u anke se nistiednu lis-Sur Vincenzo de Leonardis. Se nagħmlu l-arranġamenti meħtieġa biex dawn id-delagazzjonijiet ikunu alloġġjati fil-*Cornucopia Hotel*.

**80.10 Komunikazzjoni mis-Sindku**

80.10.1 Is-Sindku, is-Sur Aaron Agius, ireferra għall-kuntratt tal-Bring in Sites. Huwa qal li l-kumpanija li tieħu ħsiebhom inbidlet u għalhekk issa qed jinbidlu l-bins ukoll. Huwa qal li tat-triq tat-Tafla ġa tpoġġew. Jonqos ta' Triq il-Marġa u tad-daħla tal-qortin li se jitpoġġew fil-futur qarib. Huwa qal ukoll li dawn l-*skips* jitbattlu hekk: tal-ħġieġ nhar ta' Erbgħa, u tal-kartun u tal-plastik nhar ta' Tnejn u nhar ta' Ġimgħa. Huwa nnota li din il-frekwenza mhix biżżejjed għax-Xagħra u qabel konna nħallsu *extra* biex jitbattlu kemm ikun hemm bżonn. Din l-ispiża kienet titla' għal €100 fil-ġimgħa. Il-Kunsill qabel li nkomplu nħallsu għal dan is-servizz biex dawn il-*bins* jitbattlu kemm ikun hemm bżonn.

80.10.2 Is-Sindku ġibed l-attenzjoni li issa li bdiet is-sħana hemm bżonn li nerġgħu nibdew insaqqu bil-bowżer. Il-Kunsill qabel li dan għandu jsir bi frekwenza ta' tliet darbiet fil-ġimgħa. Se nikkuntattjaw lil Carmel Mizzi u lil Carmel Gatt biex jagħmlu x-xogħol meħtieġ.

*17.55 Il-laqgħa ġiet sospiża.*

*18.05 Il-laqgħa tkompliet.*

**80.11 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri u suġġerimenti**

80.11.1 Il-Kunsillier, is-Sur Anthony Attard semma ħajt fi Triq tas-Sellum biex jitranġa u ħajt ieħor li jżomm it-triq, fit-triq li minn fejn Ta' Frenċ twasslek għal fejn Ta' Mena. Is-Sindku semma wkoll ħajt li waqa' fl-inħawi tal-Pergla. Se nikkuntattjaw lil Louis Mifsud (bennej) biex jagħtina stima tax-xogħol biex hekk ikun jista' jagħmel ix-xogħol meħtieġ.

80.11.2 Il-Kunsillier, is-Sur Anthony Attard qal li hemm ħarruba sporġuta 'l barra fi Triq il-Mielħa li hemm bżonn tinqata'. Se nieħdu ritratt ta' din il-ħarruba u ngħadduh lill-Kunsill Lokali taż-Żebbuġ.

80.11.3 Suġġeriment ieħor li għamel is-Sur Attard huwa biex isir sinjal bl-isem ta' Triq Għajn Ħosna u jitwaħħal fil-bidu tat-triq hekk kif idur minn Triq Ġnien Xibla.

80.11.4 Il-Kunsillier, is-Sur Anthony Attard qal ukoll li kellu talba biex issir kaxxa ta' *no parking* mal-ħajt tas-sejjieħ fi Triq il-Kortoll għax ir-resident ma jkunx jista'

jidħol jew joħrog bil-karru taż-żiemel. Din it-talba se tintbagħat lil Transport Malta.

80.11.5 Is-Sur Anthony Attard qal ukoll li hemm bżonn ta' Bus Stop fi Triq il-Knisja u oħra fejn l-Għar ta' Xerri. Is-Sindku qal li l-kumpanija li kienet tieħu ħsieb il-*bus shelters* inbidlet u ngħata kuntratt ġdid u għalhekk suppost li issa dawn isiru.

80.11.6 Ilmenti oħra li kellu s-Sur Attard huma rigward bozoz bil-ħsara: 1) Bozza 271, fi Triq Marsalforn li nkissret bir-riħ, 2) bozza fi Pjazza tal-Mitħna ma tixgħelx u 3) bozza fil-playing field ta' ħdejn il-Mitħna. Se ngħaddu dawn il-ħsarat lill-kuntrattur konċernat sabiex jitranġaw.

80.11.7 Suġġeriment ieħor li għamel is-Sur Attard huwa biex Trejqet Ġużepp Sultana titqaxxar u jsir wiċċ ġdid. Se nagħmlu talba lid-Direttur Vicky Xuereb fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex.

80.11.8 Is-Sur Attard talab ukoll biex isir ir-*refresh* tas-sinjali ta' Pjazza Sant'Anton. Ser issir talba lis-Sur Anthony Buhagiar mid-Dipartiment tat-Toroq.

80.11.9 Talba oħra mis-Sur Attard saret biex isiru sinjali sofor quddiem ir-residenza 7, Triq Marsalforn, metru kull naħa tal-garaxx biex ir-residenti jkunu jistgħu jidħlu u joħorġu bil-vettura. Se nagħmlu talba biex dawn is-sinjali jsiru.

80.11.10 Is-Sur Anthony Attard qal li għadda min għalih li s-siġar li hemm bejn Marsalforn u r-Rabat se jinqalgħu. Huwa ssuġġerixxa, u l-kunsill qabel biex tintbagħat ittra lid-Direttur is-Sinjura Vicky Xuereb li l-Kunsill ma jaqbilx li dawn jinqalgħu.

80.11.11 Fuq suġġeriment ieħor tas-Sur Attard se tinbdel it-tabella li hemm imwaħħla ma garaxx fi Triq it-Tiġrija fejn kien hemm Kaiser Store. Din hija *directional sign* u l-ktiba m'għadhiex tidher. Se ngħidu lil Raphael Refalo biex jibdilha.

80.11.12 Ilment ieħor kien biex titranġa rampa fit-Triq tal-Mielħa. Dan ix-xogħol ser isir.

## 80.12 Qari tal-Korrispondenza u Ilmenti mir-Residenti

80.12.1 22.04.2024 Imejl mingħand is-Sur Jean Paul Cefai minn Transport Malta fejn qed jitlob lill-Kunsill biex jikkunsidra li jsiru *double yellow* lines f'parti fi

Triq Marsalforn (fejn bnew tal-PRA) peress li qed jipparkjaw trakkijiet kbar tal-ġebel fuq naħa ta' triq u minn ikun tiela minn Triq Marsalforn qed ikollu jmur kontra l-linja b'konsegwenza li hemm *blind corner* u jsib lil min hu nieżel ma' wiċċu. Ilmenti fuq l-istess problema saru wkoll mill-Kunsillier is-Sur Victor Curmi, mis-Sur George Camilleri li ressaq ilment verbali fl-uffiċċju tal-Kunsill u mingħand is-Sur Alex Zerafa permezz ta' imejl. Wara diskussjoni l-Kunsill qabel li dawn is-sinjali jsiru u għalhekk se nikkonfermaw mas-Sur Cefai biex ikun jista' jsir ix-xogħol meħtieġ.

80.12.2 24.04.2024 Imejl mis-Sur Richard van der Meijs fejn qed jissuġġerixxi biex isiru siġar tal-larinġ jew taż-żebbuġ fi Triq Ġnien Xibla. Bagħat ukoll xi ritratti fejn indika kif jistgħu jsiru. Il-membri preżenti ddiskutew dan is-suġġeriment u sar qbil li mhux possibbli li jsiru dawn is-siġar minħabba nuqqas ta' spazju.

80.12.3 22.04.2024 Imejl mingħand Maria Mercieca mis-Segretarjat tal-Gvern Lokali fejn irċevew ilment rigward parking bl-addoċċ fi Triq Ġnien Xibla u qed jitolbu biex isiru l-kaxxi għall-ipparkjar u anke rigward li qed isiru xogħlijiet kullimkien f'daqqa u ċerti postijiet mingħajr ippjanar. Is-Sindku, is-Sur Aaron Agius qal li tajjeb li jibdew isiru kaxxi għall-parkeġġ għax hemm fejn qed isir ipparkjar bl-addoċċ u mingħajr ħsieb. Huwa ssuġġerixxa, u l-Kunsill qabel, li nitolbu lil Transport Malta biex jibdew dan ix-xogħol fi Triq Gajdoru u fi Triq l-Imqades mal-ħajt tal-ġibjun.

80.12.4 20.04.2024 Imejl mingħand is-Sur Edward Baldacchino fejn qal li huwa joqgħod fi Triq Masri u fejn ir-residenza tiegħu hemm blokk appartamenti u f'appartament minnhom hemm xi ħadd li jżomm kelb li dejjem jinbaħ għal kull ħaġa ta' xejn. Huwa qed jitlob l-intervent tal-Kunsill. Intqal li l-Kunsill ma' jista' jagħmel l-ebda tip ta' nfurzar u għalhekk se ngħidulu biex jgħaddi l-ilment tiegħu lill-Pulizija.

80.12.5 11.04.2024 Imejl mingħand il-Perit Leonard Spiteri li qed jieħu ħsieb il-proġett taċ-Ċentru Ċiviku, fejn informa lill-Kunsill li b'konsegwenza ta' dak li nqala' waqt it-tħaffir fejn ser jinbena ċ-Ċentru Ċiviku, ġie deċiż li x-xogħol għandu jitkompla taħt sorveljenza ta' arkeoloġista u qed jissuġġerixxi lis-Sur Joseph Grima. Sadanittant is-Sur Grima bagħat kwotazzjoni tal-ħlas għas-servizzi tiegħu. Dan il-punt ġa ġie diskuss u deċiż aktar qabel f'punt 80.3.1 f'dawn l-istess minuti.

80.12.6 17.04.2024 Imejl mingħand Josephine Psaila fejn qalet li ltaqgħet ma' kopja anzjana u qalulha li ma jagħmlux użu mit-trasport pubbliku peress li fejn il-Ġgantija m'hemmx *bus shelter* u jkollhom jistennew għax-xita u għax-xemx. Għalhekk qed tistaqsi hemmx xi raġuni għalfejn m'hemmx *bus shelter*. Dan il-punt ġa ġie diskuss u r-raġuni hija li l-kuntrattur inbidel u issa sta għall-kumpanija l-ġdida biex tieħu ħsieb tagħmel dawn il-*bus shelters*.

80.12.7 06.04.2024 Imejl mingħand is-Sinjuri Daniela u Nicholas Farrugia fejn qed jistaqsu meta se titlesta t-triq ġdida li nfetħet fejn Triq George McAdam peress li xtraw proprjeta' hemm. Peress li din it-triq hija triq ġdida, taqa' taħt ir-responsabbilta' tal-Ministeru għal Għawdex.

80.12.8 22.04.2024 Imejl mingħand is-Sur Thomas Żammit bi stedina għall-membri tal-Kunsill għall-kunċert li qed jiġi organiżżat mill-membri ta' Hope GuateYouths b'risq il-missjoni fil-Gwatemala. Il-Kunsill innota l-kontenut.

80.12.9 10.04.2024 Imejl mingħand id-Direttur tal-Gvern Lokali, is-Sur Emil Vassallo fejn qed jitlob il-Kunsill jindika postijiet possibbli fejn wieħed jista' jitlob permess biex ipoġġi karavan. Din l-informazzjoni kellha tintbagħat sas-17 t'April 2024 imma tajjeb li wieħed jaħseb f'xi postijiet biex issir referenza għalihom fil-futur. Il-Kunsill qabel li m'hemm imkien fejn jistgħu jsiru dawn il-karavans.

80.12.10 05.04.2024 Imejl mingħand is-Sur Joseph Sultana mill-Ministru għal Għawdex fejn qed jitlobna lista ta' attivitajiet kulturali li se jorganizza l-Kunsill bejn Lulju u Settembru biex jitniżżlu fil-Kalendarju ta' attivitajiet f'Għawdex. Din l-informazzjoni għandha tintbagħat mill-Kunsill li se jiġi elett peress li dan il-Kunsill qiegħed fi tmiem tal-leġislatura tiegħu u jista' jikkometti biss sa l-aħħar ta' Ġunju.

80.12.11 09.04.2024 Imejl mingħand is-Sur Adrian Bonnici minn Resqmed Malta fejn infurmana li joffru servizz ta' emerġenza medika. Din tista' sservi ta' referenza għal waqt xi attivita'.

80.12.12 Ċirkulari 7/2020 mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali fejn tawna informazzjoni dwar ħruġ ta' permessi. Din l-informazzjoni lill-istaff tal-Kunsill

80.12.13 Ittra mingħand is-Sur Nicholas Teuma, Segretarju tal-Għaqda tal-Armar 2 ta' Settembru 1973, fejn irrefera għad-deċiżjoni tal-Kunsill Numru 28 tat-Tmien leġislatura fejn kien deċiż li l-Kunsill jgħin fir-restawr tal-istatwa ta' Malta Rebbieħa u li kienet ġiet allokata s-somma ta' €2,300.00c. Huma qed jagħmlu talba biex din is-somma tiġi estiża peress li flok restawr, din l-istatwa ser tinbidel. Intqal li din it-talba, l-istess bħal ta qabilha, għandha titressaq għad-diskussjoni tal-Kunsill il-ġdid peress li din il-leġislatura waslet kważi fit-tmiem.

80.12.14 08.04.2024 Imejl mingħand is-Sur Malcolm Muscat minn ALS Malta fejn qed issir talba ta' għajnuna finanzjarja għall-kunċert li ser isir f'Għawdex b'risq Dar Bjorn. Dan il-kunċert qed jiġi organiżżat mill-grupp tal-Karus l-Aħmar u l-kunċert ingħata l-isem ta' LeġġenDARju. Is-Sindku, is-Sur Aaron Agius qal li rigward għeluq ta' pjazza mat-Transport Malta l-Kunsill jgħin bħalma għamel dejjem, pero' rigward għajnuna finanzjarja għal din l-attivita', dan il-Kunsill ma jistax jikkommetti ruħu u din it-talba għandha titressaq quddiem il-Kunsill il-ġdid. Il-membri preżenti qablu ma' dak li ssuġġerixxa s-Sindku.

80.12.15 Ittra mingħand is-Sur Joseph Bajada Segretarju tas-Soċjeta' Filarmonika Victory fejn qed jagħmlu talba għall-għajnuna finanzjarja għall-Kunċert annwali li jsir fi żmien il-festa. It-talba hija ta' €1,300. Din it-talba, simili bħall-oħrajn, se titressaq għad-diskussjoni tal-Kunsill il-ġdid.

80.12.16 Ittra oħra mingħand is-Sur Nicholas Teuma, Segretarju tal-Għaqda tal-Armar 2 ta' Settembru 1973 fejn qed jitolbu biex isiru 2 toqbiet għall-arbli fit-Triq 28 t'April 1688. Il-Kunsill qabel ma' din it-talba u għalhekk ser inqabdu kuntrattur biex jaghmel ix-xogħol meħtieġ.

80.12.17 Talba mingħand is-Sur Michael Portelli f'isem ix-Xaghra Historical Re-enactment Organization fejn qed jagħmlu talba biex il-Kunsill jgħin fl-ispejjeż tat-trasport lejn u lura mill-ajruport meta dan il-grupp se jżur Sulmona fl-Italja. Din l-ispiża tammonta għal €600. Il-Kunsill aċċetta din it-talba.

80.12.18 Ittra mingħand is-Sa Doreen Camilleri għad-Direttur Servizzi għal Għawdex fejn infurmawna li ser issir quddiesa għall-anzjani fl-okkażjoni ta' Jum l-Omm. Din l-informazzjoni ser tingħata lill-anzjani li jattendu d-Day Care Centre.

80.12.19 Imejl mingħand mis-Sa Jessica Meli fi ħdan is-Segretarjat tal-Gvern Lokali fejn infurmawna bi skema li ħareġ il-Ministeru tal Biedja u Sajd u Protezzjoni tal-Annimali bl-isem 'Ġonna fl-Urban'. Din l-iskema titratta biex jiġu mixtrija siġar tal-larinġ jew taż-żebbuġ biex jitħawwlu f'żoni pubbliċi. Hemm rimbors ta' €10 għall kull siġra sa massimu ta' €500 għal kull Kunsill. Il-Kunsill qabel li napplikaw għal din l-iskema.

80.12.20 04.05.2024 Imejl mingħand is-Sur Nicky Saliba mir-Reġjun t'Għawdex fejn qalilna biex il-Kunsill jindika postijiet fejn qed jinħareġ l-iskart kmieni biex isir infurzar permezz tal-ERA. Wara diskussjoni ġie deċiż li nissuġġerixxu Triq Ta' Karkar, Triq Ta' Bullara, Triq Gajdoru mal-ħajt tal-H.O.S. u fejn il-Farmhouses qrib ir-residenza 23 biex hekk isir aktar sorveljar biex jekk jinqabad xi ħadd joħroġ l-iskart meta mhux suppost, jeħel multa.

80.12.21 Rapport mingħand Terracore Ltd. Bir-rapport tal-investigazzjoni li saret fejn qed isir it-tħaffir biex jinbena iċ-Ċentru Ċiviku.

80.12.22 Imejl mingħand is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Marion Attard, fejn wara li tkellmet mad-Dipartiment tal-Gvern Lokali, qed tagħmel talba biex tagħmel użu ta' *sick leave* li ma wżatx fis-snin preċedenti. Dan peress li huwa rakkomandat lilha biex tieħu 6 ġimgħat ta' mistrieħ wara l-intervent li kellha. Il-Kunsill qabel ma' din it-talba.

80.12.23 Ittra mingħand Dr Aaron Attard Hili fejn qed jitlob lill-Kunsill biex jiffinanzja l-istampar ta' ktieb mis-sensiela Cacciensia dwar Dun Ġużepp Diacono f'għeluq il-mitt sena minn mewtu. Huwa bagħat ukoll stima tal-ispiża li tammonta għal €3,740.00c. Wara diskussjoni ġie deċiż li ssir laqgħa ma' Dr Aaron Attard Hili biex jiġu ċċarati xi punti speċjalment xi dritt ikollu l-Kunsill fuq il-publikazzjoni meta jħallas tali spiża.

80.12.24 Ittra mingħand l-Avukat Daniel Calleja f'isem is-Sur Victor Refalo ta' 92, Triq Santa Verna, Xagħra fejn qed issir referenza għal deċiżjoni tal-Kunsill biex isiru *double yellow lines* biex jiġi pprojbit ipparkjar f'parti mit-Triq Sant'Anton. Qed jintalab biex dawn is-sinjali jinżebgħu għax għadhom ma sarux u konsegwenza ta'dan qed ikollu problemi b'konnessjoni max-xogħol tiegħu. Rigward din il-kwistjoni, is-Sindku, is-Sur Aaron Agius qal li xi ħaġa ser issir pero' qed jiġi studjat flimkien ma' Transport Malta x'inhi l-aħjar soluzzjoni għal din il-problema.

80.12.25 Ilment mingħand is-Sur Anthony Hili ta' 18 Triq l-Għejjun, Xagħra fejn qed jitlob *double yellow lines* quddiem ir-residenza tiegħu. Ġie nnotat li s-Sur Hili qed jitlob dawn is-sinjali faċċata tar-residenza tiegħu. Peress li mhux ċar fejn irid is-sinjali se nikkuntattjaw lis-Sur Hili biex naraw eżatt xi jrid. Pero' jekk irid is-sinjali quddiem terzi persuni għandu jkollna l-approvazzjoni tagħhom biex issir it-talba għal dawn is-sinjali.

80.12.26 Ilment mingħand Carmel Attard ta' Charvil House, Triq ta' Majmuna , Xewkija fejn qed jitlob rampa fir-raba' tiegħu fl-inħawi ta' Għajn Lukin. Intqal li la r-rampa qegħda fil-privat u għalhekk mhix responsabbilta' tal-Kunsill.

80.12.27 Ilment mingħand Nancy Galea ta' Mountain Lodge, Triq l-Għejjun, Xagħra fejn qed titlob li jsiru sinjali ta' 'Stop' fi Triq Mannar fejn tgħaqqad ma' Triq l-Għejjun, kemm fl-art (*refresh* għax ġa kien hemm) kif ukoll mal-ħajt. Il-Kunsill qabel li dawn is-sinjali għandhom isiru.

80.12.28 Ilment biex gradilja ta' *culvert* li hemm fi Triq Ġnien Imrik titranġa għax niżlet 'l isfel mil-livell tat-triq u faċli li jkun hemm aċċident. Se nikkuntattjaw lil Laurie Farrugia sabiex jagħmel ix-xogħol meħtieġ.

80.12.29 Talba biex isiru sinjali 'Slow' fil-bidu ta' Triq Marsalforn quddiem ir-residenzi 7 u 8 u biex isir sinjal ta' 'Stop' f'dik il-biċċa triq li hemm minn Triq it-Tiġrija

għal ġo Triq Marsalforn. Ser ngħaddu dawn it-talbiet lil Transport Malta peress li dawn huma sinjali ġodda.

80.12.30 Ilment mingħand is-Sinjorina Vicky Grech biex jitnaddaf l-isqaq fi Pjazza l-Vittorja. Se nibgħatu ħaddiem biex jagħmel ix-xogħol meħtieġ.

**80.13 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

80.13.1 L-iskeda ta' pagamenti ġiet ippreżentata fuq il-mejda tal-Kunsill u moqrija.

80.13.2 Il-Kunsillier is-Sur Anthony Attard oġġezzjona fuq il-pagament tal-ġbir tal-iskart lir-Reġjun t'Għawdex. Huwa nsista li la l-kuntratt m'għadux f'idejn il-Kunsill, m'għandu jkun hemm l-ebda pagament. Il-kumplament tal-pagamenti l-oħra kollha kienu approvati unanimament.

**80.14 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

80.14.1 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-7.05 pm. Laqgħa oħra tal-Kunsill ser issir nhar it-Tlieta, 28 ta' Mejju, 2024 fil-5.00pm

Konfermati illum ______________________________________

______________________ ______________________

**Aaron Agius**
**Sindku**

**Josephine Sultana**
**Deputat Segretarju Eżekuttiv**